



Brussell, 4 ta' Diċembru 2015
(OR. en)

14945/15

LIMITE

FISC 182
ECOFIN 949

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Future of the Code of Conduct (business taxation) - Draft Council conclusions = Adoption

1. Il-qafas eżistenti tal-Kodiċi ta' Kondotta jinsab f'żewġ settijiet ta' konklużjonijiet tal-Kunsill. L-ewwel sett, adottat fl-1 ta' Diċembru 1997 (ĠU C 2, 6.1.1998, p. 1-6), jiddeskrivi l-"mandat" tal-Kodiċi, jiġifieri l-iskop tiegħu, il-miżuri li għalihom ser japplika u l-obbligi li jimponi fuq l-Istati Membri. It-tieni sett ta' konklużjonijiet tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-istabbiliment tal-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) (ĠU C 99, 1.4.1998, p. 1-2), jikkonċerna l-operat tal-Grupp tal-Kodiċi nnifsu ("governanza"). Sussegwentement il-Grupp żviluppa gwida addizzjonali, b'mod partikolari fl-2008, dwar it-tifsira ta' "kunsens ġenerali".

2. Saret diskussjoni matul il-Presidenza Latvjana dwar l-ambitu u l-governanza tal-Grupp, abbażi ta' diversi proposti mill-Istati Membri. F'Ġunju 2015, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli laqa' l-fatt li l-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta ser ikompli jaħdem fuq din il-kwistjoni f'Lulju 2015, u ser jiffoka fuq: a) li jsir użu aħjar mill-mandat eżistenti tal-Kodiċi; b) eżami tal-possibilitajiet ta' estensjoni tal-mandat u aġġornament tal-kriterji; u c) il-ħtieġa possibbli li tiġi aġġustata l-governanza tal-Kodiċi ta' Kondotta kif xieraq. Il-Kunsill ECOFIN approva dan l-approċċ fid-19 ta' Ġunju 2015. Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni ppreżentat fis-17 ta' Ġunju 2015 jappoġġa wkoll b'mod speċifiku riforma fil-Kodiċi ta' Kondotta.
3. Il-Pjan Direzzjonali tal-UE dwar il-BEPS tal-Presidenza Lussemburġiża jinnota li l-Presidenza ser tiddiskuti l-futur tal-Kodiċi ta' Kondotta fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli, abbażi tal-kontribut mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta, bil-ġhan li d-deċiżjoni dwar il-ħidma futura taħt il-Kodiċi tiġi ppreżentata lill-Kunsill ECOFIN sa tmiem il-Presidenza Lussemburġiża.
4. F'dan il-kuntest, il-Presidenza Lussemburġiża qajmet il-kwistjoni tal-futur tal-Kodiċi fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli fit-2 ta' Settembru 2015, fejn żewġ kwistjonijiet ġew diskussi b'mod aktar speċifiku:
 - liema huma l-kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi taħt il-Kodiċi ta' Kondotta u
 - jekk dawn il-kwistjonijiet humiex koperti mill-mandat attwali.
5. Fuq il-bażi ta' din id-diskussjoni, il-Presidenza ressqet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-kodiċi li ġie diskuss fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli fid-19 ta' Novembru 2015. Matul dik il-laqgħa, ġew maqbula xi bidliet għall-abbozz ta' konklużjonijiet, għalkemm b'diversi riżervi ta' skrutinju - jew fuq ċerti paragrafi (UK u LT dwar il-paragrafu 9) jew fuq it-test kollu (MT). PL u PT daħħlu wkoll riżerva politika/ta' skrutinju marbuta mal-bidla fil-gvern li bħalissa għaddejjin minnha. Sadanittant, PL neħħiet ir-riżerva tagħha.

6. Wara din il-laqgħa, tnediet proċedura ta' silenzju. Din il-proċedura ta' silenzju nkissret minn erba' Stati Membri (MT, CY, IE u LT) li qajmu tħassib fuq żewġ paragrafi. Rigward il-paragrafu 9 (livell effettiv ta' tassazzjoni), żewġ Stati Membri talbu li jitħassar (CY, IE) u żewġ Stati Membri żammew riżerva ta' skrutinju (MT u LT). Sadanittant, LT neħħiet ir-riżerva tagħha dwar il-paragrafu 9. Rigward il-paragrafu 6 (estensjoni tal-mandat), it-tħassir tal-kliem "u l-modalitajiet" ġie mitlub minn Stat Membru wieħed (IE). Dawn il-kwistjonijiet ġew diskussi fil-COREPER fit-2 ta' Diċembru 2015 fejn MT, IE u CY kkonfermaw it-tħassib tagħhom. Delegazzjonijiet oħra tennew ix-xewqa tagħhom li ma jiddgħajjfx il-messaġġ li għandu jitwassal minn dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill.
7. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill (ECOFIN) biex:
- jiddiskuti l-kwistjonijiet pendenti li fadal fil-paragrafi 6 u 9 tal-abbozz ta' konklużjonijiet li jinsab fl-anness
 - ikollu skambju ta' fehmiet dwar il-futur tal-Kodiċi ta' Kondotta
 - jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness.
-

(Abbozz ta') Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-Kodiċi ta' Kondotta

"Il-Kunsill:

1. IFAKKAR fid-determinazzjoni tiegħu li jiġġieled kontra l-frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa f'livell tal-UE u globali;
2. IFAKKAR fl-adozzjoni mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, f'Diċembru 1997 ta' riżoluzzjoni dwar il-Kodiċi ta' kondotta dwar it-tassazzjoni tal-intrapriżi (minn issa 'l quddiem "il-Kodiċi");
3. IFAKKAR fl-istabbiliment sussegwenti f'Marzu 1998 ta' Grupp ta' Kodiċi ta' Kondotta (minn hawn 'il quddiem "il-Grupp") biex jivvaluta l-miżuri ta' taxxa li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi u jissorvelja l-għoti ta' informazzjoni dwar dawn il-miżuri;
4. JISSOTTOLINJA li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Mejju 2013 innotaw li *"hu importanti li tissokta l-ħidma fl-UE fuq l-eliminazzjoni ta' miżuri dannużi ta' tassazzjoni. Għal dak il-għan, għandha titwettaq ħidma fuq it-tisħiħ tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-tassazzjoni fuq in-negozju abbażi tal-mandat eżistenti tagħha"*;
5. Ifakkar fl-utilità u l-effiċjenza tal-ħidma mwettqa taħt il-Kodiċi ta' Kondotta s'issa biex jiġu vvalutati l-miżuri fiskali individwali tal-Istati Membri;
6. JIKKONFERMA li l-ħidma dwar il-futur tal-Kodiċi ta' Kondotta u t-tisħiħ tiegħu għandhom jiffokaw fuq li jsir użu aħjar tal-mandat eżistenti tal-Kodiċi; dwar l-eżami tal-possibilitajiet u l-modalitajiet biex jiġi estiż il-mandat u jiġu aġġornati l-kriterji u dwar il-ħtieġa possibbli li tiġi aġġustata l-governanza tal-Kodiċi kif xieraq;

7. JAPPROVA l-Pakkett ta' Ħidma l-ġdid tal-Grupp, u JINKORAĠĠIXXI lill-Grupp biex ikompli l-ħidma tiegħu fuq dik il-bażi;
8. JIKKONFERMA l-istedina tiegħu lill-Grupp biex jiżviluppa gwida ġenerali għall-prevenzjoni tal-evitar tat-taxxa, l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS);
9. JISTIEDEN lill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tassazzjoni biex jiddiskuti reviżjoni għall-mandat bil-għan li l-profitti jkunu soġġetti, kif xieraq, għal livell ta' taxxa effettiv fl-UE;
10. JAQBEL li l-proċeduri ta' tneħħija u waqfien previsti fil-paragrafi C u D tal-Kodiċi għandhom ikopru noti ta' gwida ġenerali eżistenti u futuri żviluppati mill-Grupp;
11. JISTIEDEN f'dan ir-rigward lill-Grupp biex jiżgura permezz ta' tali gwida ġenerali implimentazzjoni effettiva fil-livell tal-UE tal-konklużjonijiet rilevanti għall-Proġett BEPS tal-OECD meta ma jkunux koperti mil-leġislazzjoni tal-UE, u skont il-Programm ta' Ħidma ġdid tal-Grupp;
12. JAQBEL li l-Grupp tal-Kodiċi għandu jiċċara t-tielet kriterju billi jiżviluppa gwida abbażi tal-konklużjoni dwar il-BEPS tal-OECD dwar Azzjoni 5;
13. JAQBEL li l-Grupp tal-Kodiċi għandu jiċċara r-raba' kriterju billi jiżviluppa gwida fid-dawl tal-Linji Gwida tal-Ipprezzar tat-Trasferimenti tal-OECD, kif emendat mill-konklużjoni tal-BEPS tal-OECD dwar l-Azzjonijiet 8-9-10;
14. JISTIEDEN lill-Grupp biex ikompli jiżviluppa, fejn xieraq, noti ta' gwida dwar l-interpretazzjoni tal-kriterji tal-Kodiċi, inkluż il-kriterju portal, u l-applikazzjoni tagħhom;
15. JIKKONFERMA l-importanza li l-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta huma applikati fuq l-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli, JILQA' f'dan ir-rigward id-Dikjarazzjoni Konġunta reċenti mal-Iżvizzera u d-djalogu kontinwu mal-Liechtenstein u JISTIEDEN lill-Grupp biex jibda djalogi ma' pajjiżi terzi rilevanti, kif ukoll jagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet preċedenti;

16. JESPRIMI x-xewqa li titjieb il-viżibbiltà tal-ħidma tal-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta u JAQBEL għalhekk li r-riżultati tiegħu, b'mod partikolari r-rapporti ta' kull 6 xhur tiegħu, ikunu magħmula disponibbli b'mod sistematiku għall-pubbliku;
17. JINSISTI madankollu dwar il-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-Grupp bil-għan li jipproteġi l-interess pubbliku f'dak li jirrigwarda l-politika ekonomika tal-Istati Membri, iżomm l-effiċjenza tal-proċess ta' valutazzjoni u r-riskji relatati kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;
18. JISTIEDEN lill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tassazzjoni sabiex jikkonkludi dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza globali, it-trasparenza u l-metodi ta' ħidma u biex jiffinalizza r-riforma tal-Grupp matul il-Presidenza Netherlandiża."
-